# L-EGHZEZ IMKEJJEN TAT-TERRA SANTA

F'Ġerusalemm hemm qatiegħ Imkejjen Imqaddsa. Liema huma? Il-Qabar għażiż ta' Sidna Ġesù Kristu; l-artal fuq il-Kalvarju, fejn issallab Ġesù; il-Ħaġra ta' fejn dilkuh; l-artal tad-Duluri ta' Sidtna Marija, jiġifieri fejn niżżlulha l-Binha l-għażiż fi ħdanha; il-kappella ta' fejn Sidna Ġesù wara li qam minn bejn l-imwiet deher lil Ommu l-għażiża; il-kappella tal-Madalena, fejn dehrilha Ġesù; l-artal tal-Kolonna tal-Pretorju. Dawn kollha jinsabu miġbura fil-Basilika tal-Qabar ta' Kristu. Ma' ġenbha, mbagħad, barra mill-bieb tal-Basilika, hemm il-kappella ta' fejn Sidtna Marija rathom isallbu lil Binha Ġesù.

Imkejjen Imqaddsa oħra mxerrda mal-belt ta' Ġerusalemm: il-knisja tal-Flaġellazjoni; il-Kolonna tas-sentenza tal-mewt; il-knisja tas-Salvatur (1); il-kappella tal-Laqgħa ta' Sidna Ġesù ma' Xmuni ċ-Ċirinew.

Imkejjen Imqaddsa ma' dwar Ġerusalem; il-Ġnien tal-Ġetsemni; il-Għar tal-Agonija ta' Ġesù; Betfage, minn fejn Ġesù telaq riekeb fuq felu, meta daħal Ġerusalem fost l-aqwa ferħ tan-nies; il-kappella tad-Dmugħ ta' Ġesù, fejn beka fuq il-belt ta' Ġerusalem; il-kappella ta' Lapsi, minn fejn Ġesù tala' s-sema; Betanja: il-Qabar ta' Lażżru (2).

Betlehem: il-Maxtura fejn Sidtna Marija qegħdet lil Ġesù Tarbija, wara li fisqietu fil-ħrieqi; l-artal tal-Maġi, fil-Għar innifsu fejn twieled Ġesù; il-Qabar tat-Trabi Bla ħtija; l-artal ta' San Ġużepp; il-Qabar ta' Sant'Ewsebju; il-Qabar ta' santa Pawla u bintha sant'Ewstokja; il-Qabar ta' San Ġlormu. Fi truf Betlehem hemm il-Għar tal-Ħalib u l-kappella tad-Dar ta' San Ġużepp.

F'San Ġwann in Montana (Għajn Karem), il-kappella (3) tat-Twelid ta' San Ġwann il-Għammiedi; il-kappella taż-Żjara li għamlet il-Madonna lil Santa Liżabetta; il-Għar fejn trabba San Ġwann il-Għammiedi, 'il barra fid-Deżert.

Emmaws: il-kappella ta' San Klejofa, fejn iż-żewġ dixxipli għarfu lil Ġesù x'ħin qasam il-ħobż.

F'Ramle: il-kappella (4) ta' Nikodemu, dak li għen lil Ġużeppi minn Arimatija jniżżel il-Ġisem ta' Ġesù mis-Salib.

Nazaret: il-Għar fejn l-Anġlu ħabbar lil Madonna; il-Ħanut ta' San Ġużepp; il-kappella tal-*Mensa Christi*, jiġifieri l-Mejda ta' Kristu (5), għax fuqha kiel Kristu flimkien mal-Appostli, wara li qam minn bejn l-Imwiet. Il-kappella tal-Biża' tal-Madonna; jgħidulha hekk għax hemm il-Madonna tregħdet x'ħin kienu sejrin il-għedewwa ta' Binha Ġesù jixħtuħ minn fuq il-għolja għal isfel.

F'Najm: il-kappella fejn Ġesù qajjem mill-mewt lil iben l-Armla.

Fuq it-Tabor: il-kappella tat-*Trasfigurazjoni* (6) ta' Ġesù.

F'Kana tal-Galilija: il-kappella ta' fejn Kristu biddel l-ilma f'Inbid, u l-kappella ta' San Bartolomew.

F'Seforis: il-kappella (7) ta' fejn kienet id-Dar ta' Sant'Anna u San Ġwakkin.

F'Tabarija: il-kappella (8) ta' fejn Ġesù ħatar lil San Pietru b'Ras il-Knisja.

F'Kafarnahum: fejn Kristu fejjaq lil ħtint San Pietru (9).

F'Gaffa: il-Knisja ta' San Pietru.

Fuq il-Karmelu: hemm il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu (10).

DUN XAND CORTIS, D.D.,
*Miss. Apost.*

---

(1) Il-knisja ta' San Salvatur m'hix wieħed mill-Imkejjen Imqaddsa; hija l-Knisja Parrokkjali Latna, u tinsab ġewwa d-dejr il-kbira tal-Franġiskani. Jista' jkun li Dun Xand ma kienx jaf. (2) Ftit snin ilu l-Franġiskani bnew knisja mdaqqsa fuq sisien ta' oħra qadima f'Betanja, qrib il-Qabar ta' Lazzru. Kif għedna mkien ieħor, il-Qabar huwa tal-Misilmin. (3) Fejn twieled S. Ġwann, Għajn Karem, m'hux kappella hemm, imma knisja kbira Griega (issa qegħda għand il-Franġiskani) mibnija fis-seklu XII. Dun Xand ma baqagħx jiftakar sew. (4) Il-lum f'Ramleh hemm knisja kbira u dejr kbir ukoll, li kienu jibgħatu fih il-Franġiskani morda ħafna u xjuħ. Il-knisja kienet minn dejjem imsemmija ta' San Ġużepp u San Nikodemu, li niżżlu l-Kristu mis-Salib. (5) Ara fuq dil-kappella l-kitba li hawn f'din il-ħarġa. (6) Kien hemm kappella meta żar it-Tabor Dun Xand, xi sittin sena ilu. Issa hemm Bażilika sabiħa u kbira. Hemm fuq hemm ukoll kappella qadima żgħira fejn Ġesù qal lill-Appostli: "Tgħidu 'l ħadd dak li rajtu!" li Dun Xand insieha, għax ma semmihiex. (7) Il-kappella ta' Seforis hija l-*apside* ta' knisja antika, b'ħajt mibni quddiemha u ġewwa fiha artal. (8) Dil-knisja anqas ma hi wieħed mill-Imkejjen Imqaddsa, u mhux hawn li Ġesù ħatar lil San Pietru b'Ras il-Knisja. Ġesù qatt ma hu miktub li daħal fil-belt ta' Tabarija. (10) Dil-knisja hi tal-Karmelitani, m'hux tal-Franġiskani tat-Terra Santa.

---

# "TEWBA" u "PENITENZA"

In-nies tal-Palestina, fiż-żmien li kienu jgħixu fiha San Ġwann il-Għammied u Ġesù Kristu, kienu jitħaddtu lsien Arami, jiġifieri lsien jixbaħ ħafna lil Malti; imma l-eqdem ktieb tal-Evanġelju li hu magħruf s'issa miktub bil-Grieg. Jiġifieri l-kliem ta' San Ġwann u ta' Ġesù ma nafuhx kif qaluħ huma, imma kif inqaleb bil-Grieg.

Hemm xi kliem fi-ilsna li ma tistax tfissru sewwa meta taqilbu minn ilsien għall-ieħor. Darba, min għadu jiftakar, konna semmejna xi ħaġa f'dan il-"Qari" fuq il-kelma *ipokrita*, bil-Grieg, li ma tfissirx sew bħal kelma *xaqqar* bl-Arami. *Ipokrita* tfisser: *turi b'tajjeb dak li mhux*, u *xaqqar* tfisser: *tkun fanfarun, faħħari, bit-tajjeb li għandek.* Hekk ukoll ma jfissrux xorta waħda l-kelma *Tewba* li kien jgħid San Ġwann u l-kelma *penitenza*, li nisimgħuha u naqrawha l-lum.

*Tewba* u *tjieba* ġejjin minn verb wieħed *Tab*, jiġifieri *sar tajjeb*. *Penitenza* ġejja minn kelma Latina, *poena*, li tfisser *tbatija*. Tagħmel *penitenza* mela, tfisser taħqar lilek innifsek: issum, torqod fuq il-iebes, titħażżem bix-xewk għall-laħam, u hekk.

Dan ma kienx il-ħsieb ta' San Ġwann il-Għammied, meta widdeb lin-nies biex *itibu* (jagħmlu tewba). Meta saqsewħ x'għandhom jagħmlu, weġibhom: "Min għandu l-ġid, jagħti lil min m'għandux". U Ġesù, meta wieħed saqsieħ x'għandu jagħmel biex imur il-Ġenna, wieġbu: "Toqtolx, tiżnix, tisraqx u tigdibx".

Issa, biex ngħidu kollox: kien hemm min jaħqar lilu nnifsu fl-antik ukoll u bħal ma semma Ġesù fuq Usdum u Għamora, u bħal ma għamel David. Imma dak kien ikun biex jinfexx il-mibgħeda li kellu għalih innifsu ta' xi deni kbir li jkun għamel, mhux biex minn ħażin isir tajjeb fil-ħajja ta' kull jum.